# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 143

Volum 64

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — 23 ta' April 2021


Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2021/C 143/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10090 — Abu Dhabi Developmental Holding Company/Louis Dreyfus Commodities and Energy Holdings/Louis Dreyfus) [1] ... 1

2021/C 143/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10039 — Kronospan Holdings/M. Kaindl) [1] ... 2


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2021/C 143/03 Rata tal-kambju tal-euro — It-22 ta' April 2021 ... 3

2021/C 143/04 Irtirar ta' proposti tal-Kummissjoni ... 4


**Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**


2021/C 143/05 Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal emenda tar-Regolament tal-Europol *(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-EDPS www.edps.europa.eu)* ... 6


MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2021/C 143/06 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10182 — SADCO/COGNITE/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 10

2021/C 143/07 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10187 - BBC/ITV/Channel 4/Freesat) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 12


ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2021/C 143/08 Addendum għall-Pubblikazzjoni tal-lista ta' emendi standard fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għal inbejjed DOP u IĠP ..... 14


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Il-Każ M.10090 — Abu Dhabi Developmental Holding Company/Louis Dreyfus Commodities and Energy Holdings/Louis Dreyfus)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 143/01)

Fit 7 ta' April 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10090. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10039 — Kronospan Holdings/M. Kaindl)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 143/02)

Fit 30 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10039. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**It-22 ta' April 2021**

(2021/C 143/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2046 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5067 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 130,30 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,3474 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4366 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6789 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,86855 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6001 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,1237 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 346,21 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1035 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 17,2348 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 151,00 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,8181 |
| NOK | Krona Norveġiża | 10,0475 | HRK | Kuna Kroata | 7,5718 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 17 515,06 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,860 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,9539 |
| HUF | Forint Ungeriż | 363,52 | PHP | Peso Filippin | 58,304 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,5567 | RUB | Rouble Russu | 91,3275 |
| RON | Leu Rumen | 4,9274 | THB | Baht Tajlandiż | 37,770 |
| TRY | Lira Turka | 9,9553 | BRL | Real Brażiljan | 6,6546 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5581 | MXN | Peso Messikan | 24,0079 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 90,3940 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## Irtirar ta' proposti tal-Kummissjoni

(2021/C 143/04)

### Lista ta' proposti rtirati

| Dokument | Proċedura interistituzzjonali | Titolu |
|---|---|---|
| **Patt Ekoloġiku Ewropew** | | |
| COM(2008) 92 final | 2008/0040 (APP) | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Każakstan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru |
| COM(2010) 154 final | 2010/0084 (APP) | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-pixxispad fix-Xlokk tal-Oċean Paċifiku |
| COM(2011) 252 final | 2011/0109 (NLE) | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil, min-naħa l-oħra |
| COM(2020) 136 final | 2020/0052 (NLE) | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Assemblea tal-Unjoni ta' Lisbona |
| COM(2020) 182 final | 2020/0072 (NLE) | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal dwar l-integrazzjoni tal-Makaroneżja fiż-żona marittima OSPAR |
| **Ewropa Lesta għall-Era Diġitali** | | |
| COM(2016) 821 final | 2016/0398 (COD) | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi l-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern |
| COM(2016) 823 final | 2016/0402 (COD) | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas legali u operattiv tal-e-Card Ewropea tas-servizzi introdotta bir-Regolament …[ir-Regolament tal-ESC]… |
| COM(2016) 824 final | 2016/0403 (COD) | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' e-Card Ewropea tas-servizzi u l-faċilitajiet amministrattivi relatati |
| COM(2019) 441 final | 2019/0207 (NLE) | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea |

| | | |
|---|---|---|
| **Ekonomija għas-servizz tan-nies** | | |
| COM(2019) 399 final | 2019/0183 (COD) | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex tingħata assistenza finanzjarja lill-Istati Membri biex tkopri l-piż finanzjarju serju impost fuqhom wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim |
| **Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna** | | |
| COM(2015) 450 final | 2015/0208 (COD) | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida |
| COM(2016) 270 final | 2016/0133 (COD) | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) |

# IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal emenda tar-Regolament tal-Europol**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-EDPS www.edps.europa.eu)*

(2021/C 143/05)

Fid-9 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, l-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol b'appoġġ għall-investigazzjonijiet kriminali, u r-rwol tal-Europol fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-proposta leġiżlattiva għandha l-għan li ssaħħaħ u f'ċerti każijiet testendi l-mandat tal-Europol, b'reazzjoni għall-bidliet fix-xenarju tas-sigurtà u t-theddid li qed jevolvi u li qed isir dejjem aktar kumpless.

L-EDPS jifhem il-ħtieġa li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jibbenefikaw mill-aħjar għodod legali u tekniċi possibbli biex iwettqu l-kompiti tagħhom, li huma li jidentifikaw, jinvestigaw u jipprevjenu reati u theddid ieħor għas-sigurtà pubblika. Barra minn hekk, huwa konvint li ma hemm l-ebda kunflitt inerenti u irrikonċiljabbli bejn is-sigurtà u d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-*data*. Għalhekk, l-Opinjoni attwali għandha l-għan li tipprovdi valutazzjoni ġusta u oġġettiva tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżuri proposti, akkumpanjata minn għadd ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jiġi żgurat il-bilanċ ġust bejn il-valuri u l-interessi involuti.

L-investigazzjonijiet kriminali u l-operazzjonijiet ta' intelligence kriminali qed jinkludu dejjem aktar il-ġbir u l-ipproċessar ta' settijiet tad-*data* kbar u kumplessi mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Filwaqt li l-EDPS jinnota b'mod pożittiv is-salvagwardji li jakkumpanjaw id-derogi proposti f'każijiet bħal dawn, huwa mħasseb li l-eċċezzjonijiet mir-regoli attwali dwar il-protezzjoni tad-*data*, applikabbli għall-Europol, jistgħu fir-realtà jsiru r-regola. Għalhekk, huwa jirrakkomanda li r-Regolament tal-Europol għandu jiddefinixxi aħjar is-sitwazzjonijiet u l-kundizzjonijiet, li fihom l-Europol tista' tirrikorri għad-derogi proposti. Barra minn hekk, anki f'dawn il-każijiet, l-ipproċessar tad-*data* personali mill-Aġenzija għandu jkun kompletament konformi mal-prinċipji u l-obbligi ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu IX tar-Regolament (KE) Nru 2018/1725.

Rigward il-possibbiltajiet legali estiżi biex l-Europol tikkoopera ma' partijiet privati, b'mod partikolari fil-każ ta' settijiet ta' *data* multiġurisdizzjonali jew mhux attribwibbli, l-EDPS japprezza li dawn huma kontrobilanċjati ma' salvagwardji speċifiċi, bħall-projbizzjoni ta' trasferimenti sistematiċi, massivi jew strutturali ta' *data*. Fl-istess ħin, l-EDPS jirrakkomanda li din ir-restrizzjoni importanti tiġi applikata għall-iskambji kollha bejn l-Europol u l-partijiet privati, irrispettivament minn fejn jinsabu fl-UE jew barra minnha. L-EDPS iqis ukoll li r-rwol u r-responsabbiltajiet legali preċiżi tal-Europol, meta taġixxi bħala fornitur tas-servizzi għall-awtoritajiet nazzjonali u għalhekk il-proċessur tad-*data*, għandhom jiġu ċċarati aktar f'att legali vinkolanti. Barra minn hekk, huwa jara l-ħtieġa ta' valutazzjoni tar-riskji possibbli għas-sigurtà maħluqa mill-ftuħ tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-Europol għall-użu minn partijiet privati.

L-EDPS jagħti wkoll attenzjoni speċjali għall-użu previst ta' *data* personali mill-Europol għal finijiet ta' riċerka u innovazzjoni. Fl-istess ħin, huwa konxju li l-alternattiva - l-Europol u l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi biex jiddependu minn għodod u prodotti żviluppati minn bejjiegħa esterni, li ħafna drabi jkunu jinsabu barra mill-UE, toħloq b'mod ċar riskji ferm akbar fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Minkejja dan, l-EDPS iqis li l-għan il-ġdid tal-ipproċessar huwa definit b'mod wiesa' wisq u jirrakkomanda li l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni jiġi ċċarat f'dokument vinkolanti.

L-EDPS jilqa' u jappoġġa bis-sħiħ it-tisħiħ ulterjuri propost tal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-Europol u b'mod partikolari l-applikazzjoni diretta tar-regoli orizzontali fil-Kapitolu IX tar-Regolament (KE) Nru 2018/1725 għall-ipproċessar tad-*data* operazzjonali mill-Aġenzija. Dan huwa wkoll pass importanti lejn allinjament komprensiv tal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE, li l-EDPS talab għalihom ripetutament.

B'mandat aktar b'saħħtu tal-Europol, dejjem għandu jkun hemm sorveljanza aktar b'saħħitha. Għalhekk l-EDPS jappella għal armonizzazzjoni sħiħa tas-setgħat superviżorji tiegħu fil-konfront tal-Europol mas-setgħat ġenerali tal-EDPS previsti fir-Regolament (UE) 2018/1725 u applikabbli għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-UE, inkluż il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Tali allinjament ikun konsistenti mar-rieda tal-leġiżlatur tal-UE u jgħin ukoll biex jiġi evitat trattament differenzjat tal-korpi tal-Unjoni u jpoġġihom f'pożizzjoni xi ftit jew wisq privileġġata.

## 1. **INTRODUZZJONI U SFOND**

1. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament tal-Europol) biex tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera serja, it-terroriżmu u attivitajiet kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi komuni tal-Unjoni. Ir-Regolament tal-Europol issostitwixxa l-att legali bażiku preċedenti - Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI ([1]), u ta lill-EDPS il-kompitu li jissorvelja l-legalità tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-Europol mill-1 ta' Mejju 2017.

2. Fid-9 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, l-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol b'appoġġ għall-investigazzjonijiet kriminali, u r-rwol tal-Europol fir-riċerka u l-innovazzjoni ([2]).

3. Il-proposta ġiet inkluża fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 bħala inizjattiva leġiżlattiva biex "[jissaħħaħ] ukoll il-mandat tal-Europol biex [tissaħħaħ] il-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija". Din hija wkoll waħda mill-azzjonijiet ewlenin tal-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE, ippreżentata f'Lulju 2020 ([3]). Barra minn hekk, il-proposta leġiżlattiva hija parti minn pakkett ta' miżuri, imħabbar mill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2020, biex jissaħħaħ ir-rispons tal-Unjoni għat-theddida tat-terroriżmu ([4]).

4. L-għan tal-proposta huwa li ssaħħaħ u, fejn jitqies meħtieġ, testendi l-mandat tal-Europol fi ħdan il-missjoni u l-kompiti tal-Aġenzija kif stabbilit fl-Artikolu 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE). It-tliet oqsma ewlenin, indirizzati mill-proposta, huma msemmija b'mod espliċitu fit-titolu tal-abbozz ta' Regolament, jiġifieri l-kooperazzjoni ma' partijiet privati, l-appoġġ operazzjonali ta' investigazzjonijiet kriminali, u r-riċerka u l-innovazzjoni. Madankollu, hemm għadd ta' bidliet addizzjonali ta' aspetti importanti oħra tal-ħidma tal-Europol, bħar-reġim legali dwar il-protezzjoni tad-*data*, it-trasferimenti ta' *data* lil pajjiżi terzi, id-dħul ta' allerti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, eċċ. L-element tal-aħħar huwa soġġett għal proposta leġiżlattiva separata ([5]), li dwarha l-EDPS ġie kkonsultat ukoll u kkummenta f'Opinjoni separata.

5. Skont il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, il-proposta leġiżlattiva hija rispons għall-bidliet fix-xenarju tas-sigurtà u t-theddid li qed jevolvi u li qed isir dejjem aktar kumpless, inkluż l-isfruttament minn gruppi kriminali tat-trasformazzjoni diġitali, tat-teknoloġiji l-ġodda u tal-kriżi tal-COVID-19. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tfakkar f'diversi dikjarazzjonijiet politiċi reċenti mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, li jindirizzaw speċifikament il-ħtieġa ta' aktar tisħiħ tal-mandat u l-kapaċità tal-Europol ([6]).

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37).

([2]) COM(2020) 796 final.

([3]) COM(2020) 605 final (24 ta' Lulju 2020).

([4]) https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_2326

([5]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tad-dħul ta' twissijiet mill-Europol, COM (2020) 791 final.

([6]) Ara b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2020 dwar politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (2020/2686 (RSP), il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni tal-Europol mal-Partijiet Privati tat-2 ta' Diċembru 2019 jew id-Dikjarazzjoni tal-Ministri tal-Affarijiet Interni tal-UE ("Għaxar punti dwar il-Futur tal-Europol") tal-21 ta' Ottubru 2020.

6. L-EDPS ġie kkonsultat b'mod informali mill-Kummissjoni f'diversi okkażjonijiet matul il-proċess ta' tħejjija tal-proposta leġżlattiva, l-aħħar darba fil-25 ta' Novembru 2020, u kkomunika l-kummenti informali tiegħu. Huwa jilqa' l-fatt li l-fehmiet tiegħu ġew imfittxija fi stadju bikri tal-proċedura u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli b'din il-prattika tajba. Barra minn hekk, fid-9 ta' Ottubru 2020, l-EDPS organizza webinar espert "Ir-riforma tal-Europol: il-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*", b'enfasi speċjali fuq l-allinjament tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* fir-Regolament tal-Europol mar-regoli ġenerali dwar l-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali.

7. L-EDPS ġie kkonsultat formalment mill-Kummissjoni fis-7 ta' Jannar 2021 dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, u adotta l-Opinjoni attwali f'konformità mal-Artikolu 42(3) tar-Regolament (KE) Nru 2018/1725.

## 2. KONKLUŻJONIJIET

49. Fid-dawl ta' dan imsemmi hawn fuq, l-EDPS jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

### Dwar il-kooperazzjoni ma' partijiet privati

— il-projbizzjoni ta' trasferimenti sistematiċi, massivi jew strutturali (l-Artikolu 26(6), l-aħħar subparagrafu) għandha tapplika għall-iskambji kollha ma' partijiet privati, inkluż fi ħdan l-UE;

— l-obbligi tal-Europol meta taġixxi bħala proċessur tad-*data*/fornitur tas-servizzi, b'mod partikolari l-elementi obbligatorji previsti fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) 2018/1725, għandhom jiġu stipulati f'att legali vinkolanti skont is-dritt tal-Unjoni jew il-liġi ta' Stat Membru;

— l-Europol għandha twettaq valutazzjoni tar-riskji possibbli għas-sigurtà li jirriżultaw mill-ftuħ tal-infrastruttura tagħha għall-użu minn partijiet privati u, fejn meħtieġ, timplimenta miżuri preventivi u ta' mitigazzjoni xierqa.

### Dwar l-ipproċessar ta' settijiet tad-data kbar u kumplessi, inkluż b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali speċifiċi

— ir-Regolament tal-Europol għandu jipprovdi biżżejjed salvagwardji biex jiżgura li d-derogi skont l-Artikolu 18(5a) u l-Artikolu 18a fir-realtà ma jsirux ir-regola;

— ir-Regolament tal-Europol għandu jiddefinixxi aktar il-każijiet meta l-Europol tkun tista' tirrikorri għad-deroga skont l-Artikolu 18(5a), rispettivament meta l-Aġenzija tista' titlob estensjoni tal-perjodu massimu ta' sena. Barra minn hekk, l-interazzjoni bejn il-paragrafi 5a u 6 tal-Artikolu 18 għandha tiġi ċċarata;

— l-Artikolu 18a għandu jistabbilixxi aktar kundizzjonijiet u limiti għall-ipproċessar mill-Europol ta' *data* barra mill-kategoriji ta' suġġetti tad-*data* elenkati fl-Anness II b'appoġġ għal investigazzjoni kriminali speċifika, bħal skala, kumplessità, tip jew importanza tal-investigazzjoni;

— l-ipproċessar tad-*data* personali skont id-derogi fl-Artikolu 18(5a) u l-Artikolu 18a għandu fil-każijiet kollha jkun konformi mal-prinċipji u l-obbligi ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725.

### Dwar l-użu tad-*data* għar-riċerka u l-innovazzjoni

— il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni għandu jiġi ddefinit aħjar fir-Regolament tal-Europol u jiġi ċċarat aktar f'dokument vinkolanti, li sussegwentement jista' jiġi aġġornat.

### Dwar il-kooperazzjoni tal-Europol ma' pajjiżi terzi

— it-tifsira ta' "kategoriji ta' trasferimenti" fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 25, kif ukoll id-distinzjoni minn "settijiet ta' trasferimenti" fil-paragrafu 6 tal-istess Artikolu, għandhom jiġu ddefiniti u ċċarati aktar fir-Regolament tal-Europol.

**Dwar il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-Europol**

— is-setgħat superviżorji tal-EDPS fil-konfront tal-Europol għandhom ikunu allinjati bis-sħiħ mas-setgħat ġenerali tal-EDPS previsti fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

— l-għan il-ġdid propost fl-Artikolu 37a għandu jitħassar u għalhekk ir-restrizzjoni tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol għandha tiġi rregolata direttament mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

**Dwar elementi oħra tal-proposta**

— il-kundizzjonijiet għat-trażmissjoni ta' *data* lil korpi oħra tal-Unjoni fl-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Europol għandhom jiġu allinjati mar-regoli ġenerali fl-Artikolu 71(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari mar-rekwiżit tal-proporzjonalità;

— il-kunċett ta' "analiżi operazzjonali konġunta" kif ukoll ir-regoli legali applikabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali fi ħdanha, għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar fir-Regolament tal-Europol.

Brussell, 8 ta' Marzu 2021.

Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10182 — SADCO/COGNITE/JV)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 143/06)

1. Fil-15 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Saudi Aramco Development Company ("SADCO", l-Arabja Sawdija),

— Cognite AS ("Cognite", in-Norveġja)

SADCO u Cognite jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' kumpanija bħala impriża bi sħab (joint venture, JV) maħluqa ġdida (l-Arabja Sawdija).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SADCO: sussidjarja kollha kemm hi proprjetà ta' Saudi Arabian Oil Company ("Aramco"), involuta primarjament fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żejt mhux maħdum u fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti raffinati u petrokimiċi;

— Cognite: fornitur tas-software Norveġiż li joffri servizzi tad-*data* u servizzi ta' intelliġenza artifiċjali industrijali;

— għall-kumpanija ta' impriża bi sħab li għadha kif inħolqot: se tinvolvi ruħha fil-bejgħ ta' servizzi ta' trasformazzjoni diġitali kif ukoll ta' prodotti cloud u s-servizzi professjonali relatati tagħhom fl-Arabja Sawdija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10182 — SADCO/Cognite/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission<br>Directorate-General for Competition<br>Merger Registry<br>1049 Bruxelles / Brussel<br>BELGIQUE / BELGIË

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10187 - BBC/ITV/Channel 4/Freesat)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 143/07)

1. Fit-8 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The British Broadcasting Corporation ("BBC", ir-Renju Unit);

— ITV Network Limited ("ITV", ir-Renju Unit);

— Channel 4 Television Corporation ("Channel 4", ir-Renju Unit); kif ukoll

— Freesat (UK) Limited ("Freesat", ir-Renju Unit).

BBC, ITV u Channel 4 jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Freesat kollha kemm hi permezz ta' Digital UK Trading Limited (ir-Renju Unit).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BBC: xandar tas-settur pubbliku li jipprovdi firxa wiesgħa ta' kanali televiżi u tar-radju kif ukoll iPlayer u servizzi oħra on-demand li huma aċċessibbli lil min iħallas miżata tal-liċenzja fir-Renju Unit permezz ta' varjetà ta' pjattaformi u apparati.

— ITV: xandar produttur integrat li toħloq, hija proprjetarja u tiddistribwixxi kontenut ta' kwalità għolja fuq pjattaformi multipli globalment.. Hija xxandar portafoll kbir ta' kanali kummerċjali inkluż il-kanal prinċipali ITV.

— Channel 4: xandar tas-servizz pubbliku tar-Renju Unit bi sjieda pubblika u ffinanzjat kummerċjalment li jħaddem portafoll ta' kanali aċċessibbli bla ħlas permezz ta' varjetà ta' pjattaformi u apparati.

— Freesat: impriża bi sħab bejn il-BBC u ITV li tipprovdi pjattaforma ta' xandir bis-satellita lil madwar 1,1 miljun dar (televiżjoni lineari bla ħlas u kontenut on-demand mis-satellita, kif ukoll għal kontenut on-demand bil-ħlas). Hija tipprovdi wkoll appoġġ tekniku u ta' konsulenza lil numru żgħir ta' klijenti internazzjonali li tagħtihom liċenzja għal ċerta teknoloġija u għarfien assoċjat ma servizzi televiżivi bla ħlas.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M. 10187 – BBC/ITV/Channel 4/Freesat

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Addendum għall-Pubblikazzjoni tal-lista ta' emendi standard fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għal inbejjed DOP u IĠP

(2021/C 143/08)

Dan l-addendum jissupplimenta l-pubblikazzjoni tal-lista ta' emendi standard fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għal inbejjed DOP u IĠP ([1]) għal kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 61(6) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([2]).

Il-Kummissjoni se tippubblika l-applikazzjonijiet u d-dokumenti uniċi marbutin ma' dawk l-emendi standard f'konformità mal-Artikolu msemmi, fir-reġistru elettroniku tad-DOP u l-IĠP stabbilit f'konformità mal-Artikolu 104 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ([3])(eAmbrosia - ir-reġistru tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE).

| Pajjiż | Ismijiet tal-inbejjed | Nru tal-fajl |
|---|---|---|
| L-Italja | Terre Siciliane | PGI-IT-A0810-AM03 |

([1]) Il-Pubblikazzjoni tal-lista ta' emendi standard fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għal inbejjed DOP u IĠP (2019/C 225/06), ĠU C 225, 5.7.2019, p. 38.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT